MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2013

Numru. 252/2013

Il-Pulizija
(Sp Jonathan Ransley)
vs
Roxanne Psaila, bint George, imwielda Pieta’ fil-25 ta’ Ottubru, 1993, karta ta’ l-identita’ numru 493893(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f’xi ħin, fix-xhur ta’ Novembru u Diċembru, 2012 ġewwa l-istabiliment Warehouse Outlet li jjinsab fi Triq Luigi Ellul, Attard: ikkomettiet serq ta’ flus, liema serq hu ta’ aktarminn €232.94 imma mhux iżjed minn €2,329.37 għad-dannu ta’ Leonard Cassar, liema serq hu aggravate bil-persuna u bil-valur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Ġunju, 2013 fejn il-Qorti ġiet infrumata li l-ammont misruq hu tal-valur ta’ €150 fi ħwejjeġ li ġew ritornati. Il-parte ċivile ħafer lill-imputata u informa l-Qorti li ma għandu ebda pretensjoni ċivili kontra l-imputata.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikoli 261(b)(d), 267, 268(a), 279(b) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------